1. Mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli dwar rappurtaġġ, riservatezza u sigriet professjonali u għad-disposizzjonijiet ►M246 tal-Artikolu 337 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ◄, persuni naturali u ġuridiċi, entitajiet u korpi għandhom:

([1]) ĠU L 43, tas-16.2.2000, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 467/2001.

([2]) ĠU L 67, tad-9.3.2001, p. 1; Regolament kif ġie l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 881/2002.

▼M246

(a) tiġi pprovduta minnufih kull informazzjoni li tiffaċilita l-konformità ma' dan ir-Regolament, bħal informazzjoni dwar fondi u riżorsi ekonomiċi miżmumin jew ikkontrollati filwaqt li jsir f'isem, jew taħt id-direzzjoni ta', kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp elenkat fl-Anness I jew l-Anness Ia, jew dwar kontijiet u ammonti ffriżati skont l-Artikolu 2, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu residenti jew fejn jinsabu, u, b'mod dirett jew permezz ta' dawn l-awtoritajiet kompetenti, lill-Kummissjoni.

B'mod partikolari tiġi provduta informazzjoni disponibbli rigward fondi jew riżorsi ekonomiċi fil-pussess ta' jew ikkontrollati minn persuni nominati mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u elenkati fl-Anness I matul is-sitt xhur ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;

▼B

(b) jikkoperaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ►M246 ———— ◄ għal kull verifikazzjoni ta' din l-informazzjoni.

2. Kull informazzjoni provduta jew irċevuta skond dan l-Artikolu għandha tintuża biss għall-iskopijiet għal liema ġiet ipprovduta jew irċevuta.

3. Kull informazzjoni addizzjonali direttament irċevuta mill-Kummissjoni għandha tkun disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri kkonċernati.

▼M119

Artikolu 6

L-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi jew ir-rifjut li fondi jew riżorsi ekonomiċi jitqiegħdu għad-dispożizzjoni, magħmul in bona fede fuq il-bażi li din l-azzjoni tkun konformi ma' dan ir-Regolament, m'għandu jirriżulta fl-ebda tip ta' obbligu fuq il-persuna fiżika jew ġuridika jew entitajiet jew korpi li jimplimentawh, jew id-diretturi jew l-impjegati tagħhom, kemm-il darba ma jkunx ippruvat li l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kienu ffriżati, jew ma kinux disponibbli, bħala riżultat ta' negliġenza.

▼B

Artikolu 7

▼M119

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata biex:

(a) temenda l-Anness I ►M195 u Anness Ia ◄, fejn xieraq skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2), u

(b) temenda l-Anness II fuq il-bażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligazzjonijiet ta' l-Istati Membri skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni għandha żżomm il-kuntatti kollha neċessarji mal-Kumitat tas-Sanzjonijiet għall-iskop ta' implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

▼**M119**

Artikolu 7a

1. Fejn il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet jiddeċiedi li jelenka persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp għall-ewwel darba, il-Kummissjoni għandha, hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tkun ġiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, tieħu deċiżjoni biex tinkludi tali persuna, entità, korp jew grupp fl-Anness I.

2. Ladarba tittieħed id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tikkomunika mingħajr dewmien id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet ipprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew wara l-pubblikazzjoni ta' avviż, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu jew tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

5. Fejn in-Nazzjonijiet Uniti jiddeċiedu li jħassru mil-lista persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp, jew li jemendaw id-data li tidentifika persuna, entità, korp jew grupp elenkat, il-Kummissjoni għandha temenda l-Anness I kif meħtieġ.

▼**M246**

Artikolu 7b

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 ([1]).

▼**M119**

Artikolu 7c

1. Persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet, korpi u gruppi li ġew inklużi fl-Anness I qabel it-3 ta' Settembru 2008 u għadhom fil-lista, jistgħu jressqu talba lill-Kummissjoni għal dikjarazzjoni tar-raġunijiet. It-talba għandha tkun imressqa bil-miktub f'lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

▼**M119**

2. Hekk kif id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet mitluba tiġi ppprovduta mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tikkomunikaha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat, biex tipprovdilu/ha l-opportunità li j/tesprimi ruħu/ha jew l-opinjonijiet tiegħu/tagħha dwar il-kwistjoni.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tirrevedi d-deċiżjoni li tinkludi lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat fl-Anness I, fid-dawl ta' dawk l-osservazzjonijiet u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2). Dawk l-osservazzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-persuna, entità, korp jew grupp ikkonċernat. Ir-riżultat tar-reviżjoni għandu jintbagħat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

4. Jekk issir talba ulterjuri, ibbażata fuq evidenza sostanzjali ġdida, biex persuna, entità, korp jew grupp jitneħħa mill-Anness I, il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni ulterjuri f'konformità mal-paragrafu 3 u wara li tiġi segwita l-proċedura msemmija fl-Artikolu 7b(2).

Artikolu 7d

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sabiex twettaq il-kompiti tagħha taħt dan ir-Regolament u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]).

2. ►**M195** L-Anness I u l-Anness Ia għandhom jinkludu ◄, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni fiżiċi elenkati li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li hija meħtieġa għall-iskop ta' identifikazzjoni tal-persuni kkonċernati. Tali informazzjoni tista' tinkludi:

(a) kunjom u ismijiet mogħtija, inklużi pserwdonimi u titli, fejn hemm;

(b) id-data u l-post tat-twelid;

(ċ) in-nazzjonalità;

(d) in-numri tal-passaport u tal-Karta tal-Identità;

(e) in-numri tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali;

(f) is-sess;

(g) indirizz jew informazzjoni oħra dwar fejn jinstabu;

(h) funzjoni jew professjoni;

(i) id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2(3).

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

▼**M119**

Artikolu 7e

L-Anness I għandu jinkludi, fejn disponibbli, informazzjoni dwar persuni ġuridiċi u entitajiet li hija pprovduta mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u li hija meħtieġa għall-iskop ta' identifikazzjoni tal-persuna jew l-entità kkonċernata. Tali informazzjoni tista' tinkludi:

(a) isem;

(b) il-post u d-data ta' reġistrazzjoni;

(ċ) numru ta' reġistrazzjoni;

(d) post prinċipali tan-negozju jew informazzjoni oħra dwar fejn jinsab;

(e) id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2(3).

▼**B**

Artikolu 8

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw immedjatament lil xulxin dwar il-miżuri li jittieħdu skond dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni rilevanti fil-pussess tagħhom b'konnessjoni ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni mirċieva skond l-Artikolu 5 u relativi ma' problemi ta' vjolazzjoni u infurzar tar-regoli u ġudizzji mogħtija mill-qrati nazzjonali.

Artikolu 9

Dan ir-Regolament għandu japplika minkejja kwalunkwe drittijiet mogħtija jew obbligazzjonijiet imposti permezz ta' ftehim internazzjonali ffirmat jew il-konklużjoni ta' kull kuntratt jew kull liċenza jew permess mogħti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi s-sanzjonijiet li għandhom jiġu imposti meta jinkisru d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Sanzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu effettivi, proprozjonati u dissważivi.

2. Sakemm issir l-addozzjoni ta' xi leġislazzjoni li hi neċessarja għal dan il-għan, is-sanzjonijiet li għandhom ikunu mposti meta jinkisru d-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom ikunu dawk determinati mill-Istati Membri skond l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 467/2001.

3. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli milli jibda proċeduri kontra kull persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità fil-ġurisdizzjoni tagħha, f'każijiet ta' vjolazzjoni ta' xi projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament minn kull persuna, grupp jew entità bħal din.

▼**M119**

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu japplika:

(a) fi ħdan it-territorju tal-Unjoni, inkluż l-ispazju tal-ajru tagħha;

▼**M119**

(b) abbord kull inġenju tal-ajru jew bastiment li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru;

(ċ) għal kull persuna ġuridika fit-territorju tal-Unjoni jew barra minnu, li hija ċittadin ta' Stat Membru;

(d) għal kull persuna ġuridika, entità jew korp li huwa inkorporat jew kostitwit taħt il-liġi ta' Stat Membru;

(e) għal kull persuna fiżika jew ġuridika, entità, korp jew grupp fir-rigward ta' kull negozju li jsir kompletament jew parzjalment fl-Unjoni.

▼**B**

Artikolu 12

Ir-Regolament (KE) Nru. 467/2001 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 13

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-*►**M246** *Unjoni Ewropea* ◄.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

Lista ta' persuni, gruppi u entitajiet imniżżla fl-Artikolu 2

Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet

▼M2

_____

▼M164

Grupp Abu Sayyaf (*alias* Al Harakat Al Islamiyya). Indirizz: il-Filippini. Tagħrif ieħor: (a) Assoċjat ma' Jemaah Islamiyah (JI); (b) Il-mexxej ta' bħalissa huwa Radulan Sahiron. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

Afghan Support Committee (ASC) (*alias* (a) Lajnat ul Masa Eidatul Afghania, (b) Jamiat Ayat-ur-Rhas al Islamiac, (c) Jamiat Ihya ul Turath al Islamia, (d) Ahya ul Turas, (e) ASC). Indirizz: (a) Kwartieri Ġenerali — G. T. Road (probabbilment Grand Trunk Road), ħdejn Pushtoon Garhi Pabbi, Peshawar, il-Pakistan; (b) Cheprahar Hadda, Mia Omar Sabaqah School, Jalabad, l-Afganistan. Tagħrif ieħor: (a) Assoċjata mal-Qawmien mill-ġdid tal-Wirt Islamiku; (b) Abu Bakr al-Jaziri serva bħala kap tal-finanzi ta' ASC. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002.

▼M90

_____

_____

▼M166

_____

▼M169

Al-Qaida (*alias* (a) "The Base", (b) Al Qaeda, (c) Islamic Salvation Foundation, (d) The Group for the Preservation of the Holy Sites, (e) The Islamic Army for the Liberation of Holy Places, (f) The World Islamic Front for Jihad Against Jews and Crusaders, (g) Usama Bin Laden Network (h) Usama Bin Laden Organisation, (i) Al Qa'ida, (j) Al Qa'ida/Islamic Army). Tagħrif ieħor: Qabel kienu elenkati bħala Al Qa'ida/Islamic Army. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼M164

Al Rashid Trust (*alias* (a) Al-Rasheed Trust, (b) Al Rasheed Trust, (c) Al-Rashid Trust, (d) Aid Organisation of The Ulema, il-Pakistan, (e) Al Amin Welfare Trust, (f) Al Amin Trust, (g) Al Ameen Trust, (h) Al-Ameen Trust, (i) Al Madina Trust, (j) Al-Madina Trust, il-Pakistan). Indirizz: (a) Kitas Ghar, Nazimabad 4, Dahgel-Iftah, Karachi, il-Pakistan; (b) Jamia Maajid, Sulalman Park, Melgium Pura, Lahore, il-Pakistan (c) Uffiċċju Dha'rbi-M'unin, Faċċata Khyber Bank, Abbottabad Road, Mansehra, il-Pakistan (d) Uffiċċju Dha'rbi-M'unin ZR Brothers, Triq Katcherry, Chowk Yadgaar, Peshawar, il-Pakistan (e) Uffiċċju Dha'rbi-M'unin, Rm Nru. 3, Moti Plaza, Near Liaquat Bagh, Triq Muree, Rawalpindi, il-Pakistan (f) Uffiċċju Dha'rbi-M'unin, Sular ta' Fuq, Dr. Dawa Khan Dental Clinic Surgeon, Main Baxae, Mingora, Swat, il-Pakistan (g) Kitab Ghar, Darul Ifta Wal Irshad, Nazimabad Nru 4, Karachi, il-Pakistan (Tel. (a) 668 33 01; (b) 0300- 820 91 99, Faks 662 38 14); (h) 302b-40, Good Earth Court, Faċċata Pia Planitarium, Block 13a, Gulshan -I Igbal, Karachi, il-Pakistan (Tel. 497 92 63 (i) 617 Clifton Center, Block 5, 6th Floor, Clifton, Karachi, il-Pakistan (Tel. 587 25 45); (j) 605 Landmark Plaza, 11 Chundrigar Road, Faċċata Jang Building, Karachi, il-Pakistan (Tel. 262 38 18-19); (k) Jamia Masjid, Sulaiman Park, Begum Pura, Lahore, il-Pakistan (Tel. 042-681 20 81). Tagħrif ieħor: (a) Kwartieri Ġenerali fil-Pakistan; (b) Operazzjonijiet fl-Afganistan: Herat, Jalalabad, Kabul, Kandahar, Mazar, Sherif, anke operazzjonijiet fil-Kosovo, iċ-Ċeċnja; (c) Sal-21.10.2008 l-lista tan-NU inkludiet l-annotazzjonijiet "Al Rashid Trust" (imniżżla fis-6.10.2001) u "Organizzazzjoni tal-Għajnuna tal-Ulema, il-Pakistan" (imniżżla fl-24.4.2002 u emendata fil-25.7.2006). Iż-żewġ annotazzjonijiet ġew ikkonsolidati f'din l-entità fil-21 ta' Ottubru 2008; (d) Mwaqqaf minn Mufti Rashid Ahmad Ledahyanoy; (e) Assoċjata ma' Jaish-i-Mohammed, (f) Ipprojbita milli topera fil-Pakistan sa minn Ottubru 2001; (g) Minkejja l-għeluq tal-uffiċini fil-Pakistan fi Frar 2007 hija kompliet bl-attivitajiet tagħha. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M123**

_____

▼**M166**

_____

▼**M134**

_____

▼**M166**

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

_____

▼**M184**

_____

▼**M287**

Al-Haramain Islamic Foundation (magħrufa wkoll bħala (a) Vazir, (b) Vezir). Indirizz: 64 Poturmahala, Travnik, il-Bosnja-Ħerzegovina; (b) Sarajevo, il-Bosnja-Ħerzegovina. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 13.3.2002.

▼**M236**

Al-Haramain Islamic Foundation (is-Somalja). Indirizz: Is-Somalja. Data tad-deżinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2002.

▼**M191**

Al-Itihaad Al-Islamiya/AIAI (*alias* AIAI). Informazzjoni oħra: Irrapportat li jopera fis-Somalja u fl-Etjopa. d-data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 6.10.2001.

▼**M164**

Egyptian Islamic Jihad (alias (a) Egyptian Al-Jihad; (b) Jihad Group, (c) New Jihad, (d) Al-Jihad, (e) Egyptian Islamic Movement. Tagħrif ieħor: Imwaqqfa flimkien ma' Aiman Muhammed Rabi al-Zawahiri, li kien il-mexxej militari tagħhom. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M132**

_____

_____

▼**M164**

Ansar al-Islam (*alias* (a) Devotees of Islam, (b) Jund al-Islam, (c) Soldiers of Islam, (d) Kurdistan Supporters of Islam, (e) Supporters of Islam in Kurdistan, (f) Followers of Islam in Kurdistan, (g) Kurdish Taliban, (h) Soldiers of God, (i) Ansar al-Sunna Army, (j) Jaish Ansar al-Sunna, (k) Ansar al-Sunna). Tagħrif ieħor: (a) Il-fundatur huwa Najmuddin Faraj Ahmad; (b) Assoċjat mal-Al-Qaida fl-Iraq; (c) Tinsab u hija attiva primarjament fl-Iraq ta' Fuq u żżomm preżenza fl-Iraq tal-Punent u Ċentrali. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.2.2003.

Grupp Iżlamiku Armat (*alias* (a) Al Jamm'ah Al Islamiah Al-Musallah, (b) GIA, (c) Groupe Islamique Armé). Tagħrif ieħor: Ibbażat fl-Alġerija. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M131**

_____

▼**M164**

Asbat al-Ansar. Indirizz: il-kamp ta' Ein el-Hilweh, il-Lebanon. Tagħrif ieħor: (a) Attiv fl-Iraq ta' Fuq; (b) Assoċjat mal-Al-Qaida fl-Iraq. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M122**

_____

▼**M116**

_____

▼**M166**

_____

▼**M134**

_____

_____

▼**M166**

_____

▼**M116**

_____

_____

▼**M134**

_____

▼**M163**

_____

▼**M166**

_____

_____

▼**M134**

_____

▼**M166**

_____

▼**M163**

_____

_____

▼**M2**

_____

▼**M163**

_____

▼**M166**

_____

▼**M163**

_____

_____

▼**M166**

_____

_____

▼**M184**

_____

▼**M164**

Benevolence International Fund (*alias* Benevolent International Fund, (b) BIF-Canada). Indirizz: (a) 2465, Cawthra Road, Unit 203, Mississauga, Ontario, L5A 3P2 il-Kanada; (b) PO box 1508, Station B, Mississauga, Ontario, L4Y 4G2 il-Kanada; (c) PO box 40015, 75, King Street South, Waterloo, Ontario, N2J 4V1 il-Kanada; (d) 92, King Street, 201, Waterloo, Ontario, N2J 1P5 il-Kanada. Tagħrif ieħor: Assoċjat ma' Benevolence International Foundation. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 21.11.2002.

▼**M184**

_____

▼**M85**

_____

▼**M164**

Moviment Islamiku tat-Turkistan tal-Lvant (ETIM) (*alias* (a) The Eastern Turkistan Islamic Party, (b) The Eastern Turkistan Islamic Party of Allah, (c) Islamic Party of Turkestan (d) Djamaat Turkistan, (e) ETIM). Tagħrif ieħor: Attiv fiċ-Ċina, fl-Asja t'Isfel u fl-Asja Ċentrali. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.9.2002.

▼**M213**

Global Relief Foundation (GRF) Indirizz: (a) 9935 South 76th Avenue, Unit 1, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika; (b) PO Box 1406, Bridgeview, Illinois 60455, l-Istati Uniti tal-Amerika Tagħrif ieħor: (a) Lokalitajiet Barranin Oħra: l-Afganistan, il-Bangladexx, l-Eritrea, l-Etjopja, il-Ġeorġja, l-Indja, l-Iraq, ix-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaża, is-Somalja u s-Sirja; (b) Numru ta' Identifikazzjoni tal-Federali ta' Min Iħaddem fl-Istati Uniti: 36-3804626. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.10.2002.

▼**M2**

_____

▼**M90**

_____

▼**M164**

Harakat Ul-Mujahidin/HUM (*alias* (a) Al-Faran, (b) Al-Hadid, (c) Al-Hadith, (d) Harakat Ul-Ansar, (e) HUA, (f) Harakat Ul-Mujahideen), (g) HUM. Indirizz: il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Assoċjat ma' Jaish-i-Mohammed, Lashkar i Jhangvi (LJ) u Lashkar-e-Tayyiba; (b) Attiv fil-Pakistan u fl-Afganistan; (c) Ipprojbit milli jopera fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M184**

_____

▼**B**

Armata Islamika ta’ Aden.

▼**M164**

Islamic International Brigade (IIB) (*alias* (a) The Islamic Peacekeeping Brigade, (b) The Islamic Peacekeeping Army, (c) The International Brigade, (d) Islamic Peacekeeping Battalion, (e) International Battalion, (f) Islamic Peacekeeping International Brigade), (g) (IIB). Tagħrif ieħor: Marbuta ma' Riyadus-Salikhin Reconnaissance and Sabotage Battalion of Chechen Martyrs (RSRSBCM) u ma' Special Purpose Islamic Regiment (SPIR). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.3.2003.

▼**M164**

Moviment Islamiku tal-Uzbekistan (*alias* IMU). Tagħrif ieħor: (a) Assoċjat mal-Moviment Islamiku tat-Turkistan tal-Lvant, Grupp Ġiħad Islamiku u Emarat Kavkaz; (b) Attiv fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, l-Afganistan ta' Fuq u l-Asja Ċentrali. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

Jaish-I-Momhammed (*alias* Armata ta' Mohammed). Indirizz: il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Ibbażata f'Peshawar u f'Muzaffarabad, il-Pakistan; (b) Assoċjata ma' Harakat ul-Mujahidin / HUM, Lashkar-e-Tayyiba, Al-Akhtar Trust International u Harakat-ul Jihad Islami; (c) Ipprojbita li topera fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.10.2001.

Jam'yah Ta'awun Al-Islamia (*alias* (a) Soċjetà ta' Koperazzjoni Islamika, (b) Jam'iyat Al Ta'awun Al Islamiyya, (c) JIT). Indirizz: il-Belt ta' Kandahar, fl-Afganistan. Tagħrif ieħor: Mwaqqfa minn Usama Mohammad Awad bin Laden fl-2001. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.10.2001.

Jemaah Islamiya (*alias* (a) Jema'ah Islamiyah, (b) Jemaah Islamiyah, (c) Jemaah Islamiah, Jamaah Islamiyah, (d) Jama'ah Islamiyah). Tagħrif ieħor: (a) Jopera fl-Asja tax-Xlokk, inkluża l-Indonesja, il-Malasja u l-Filippini; (b) Assoċjat mal-Grupp Abu Sayyaf. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 25.10.2002.

▼**M203**

_____

▼**M164**

Lashkar i Jhangvi (LJ) (*alias* LJ). Tagħrif ieħor: (a) Ibbażata primarjament fir-reġjun tal-Punjab, il-Pakistan u fil-belt ta' Karachi; (b) Attiva fil-Pakistan minkejja li hija pprojbita milli topera sa mill-2010. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 3.2.2003.

Grupp Ġellied Islamiku Libjan (*alias* LIFG). Indirizz: il-Libja; Tagħrif ieħor: Membri fl-Afganistan ingħaqdu mal-Al-Qaida f'Novembru 2007. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M132**

_____

▼**M90**

_____

▼**M164**

Grupp Islamiku Kombattenti Marokkin (*alias* (a) GICM, (b) Groupe Islamique Combattant Marocain). Indirizz: il-Marokk. Tagħrif ieħor: Assoċjat mal-Organizzazzjoni ta' Al-Qaida fil-Magreb Islamiku; Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2002.

▼**M122**

_____

▼**M116**

_____

▼**M90**

_____

_____

▼**M90**

_____

_____

_____

_____

_____

_____

▼**M134**

_____

▼**M169**

Rabita Trust. Indirizz: (a) Room 9A, Second Floor, Wahdat Road, Education Town, Lahore, Pakistan; (b) Wares Colony, Lahore, il-Pakistan (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.10.2001.

▼**M184**

_____

▼**M236**

Revival of Islamic Heritage Society (magħrufa wkoll bħala (a) Revival of Islamic Society Heritage on the African Continent (b) Jamia Ihya ul Turath (c) RIHS (d) Jamiat Ihia Al-Turath Al-Islamiya (e) Al-Furqan Foundation Welfare Trust (f) Al-Furqan Welfare Foundation Indirizz: (a) Il-Pakistan, (b) L-Afganistan. Informazzjoni oħra: (a) Huma dežinjati biss l-uffiċċji ta' din l-entità fil-Pakistan u fl-Afganistan, (b) Assoċjata ma' Abu Bakr al-Jaziri u l-Kumitat tal-Appoġġ Afgan (ASC). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.1.2002.

▼**M164**

Riyadus-Salikhin Reconnaissance and Sabotage Battalion of Chechen Martyrs (RSRSBCM) (alias (a) Riyadus-Salikhin Reconnaissance and Sabotage Battalion, (b) Riyadh-as-Saliheen, (c) The Sabotage and Military Surveillance Group of the Riyadh al-Salihin Martyrs, (d) Firqat al-Takhrib wa al-Istitla al-Askariyah li Shuhada Riyadh al-Salihin, (e) Riyadu- Salikhin Reconnaissance and Sabotage battalion of Shahids (Martyrs), (f) RSRSBCM). Tagħrif ieħor: Assoċjata ma' Islamic International Brigade (IIB), Special Purpose Islamic Regiment (SPIR) u Emarat Kavkaz. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.3.2003.

L-Organizzazzjoni ta' Al-Qaida fil-Maghreb Islamiku (*alias* (a) AQIM, (b) Al Qaïda au Maghreb islamique (AQMI), (c) Le Groupe Salafiste pour la Prédication et le Combat (GSPC), (d) Salafist Group For Call and Combat. Indirizz: (a) l-Alġerija, (b) Mali, (**c)** il-Mawritanja, (d) il-Marokk, (e) in-Niġer, (f) it-Tuneżija. Tagħrif ieħor: (a) Immexxija minn Abdelmalek Droukdel; (b) Iż-żona ta' operat tinkludi l-Alġerija u parti minn Mali, il-Mawritanja, il-Marokk, in-Niġer u t-Tuneżija. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M134**

_____

▼**M184**

_____

▼**M134**

_____

▼**M164**

Special Purpose Islamic Regiment (SPIR) (*alias* (a) The Islamic Special Purpose Regiment, (b) The al-Jihad-Fisi-Sabililah Special Islamic Regiment, (c) Islamic Regiment of Special Meaning, (d) SPIR). Tagħrif ieħor: Marbuta ma' Islamic International Brigade (IIB) u Riyadus-Salikhin Reconnaissance u Sabotage Battalion of Chechen Martyrs (RSRSBCM). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 4.3.2003.

▼**M150**

_____

▼**M164**

Grupp Ġellieda Tuneżin (*alias* (a) Groupe Combattant Tunisien, (b), Groupe Islamiste Combattant Tunisien, (c) GICT. Indirizz: it-Tuneżija. Tagħrif ieħor: Assoċjat mal-Organizzazzjoni ta' Al-Qaida fil-Magreb Islamiku; Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 10.10.2002.

Ummah Tameer E-Nau (UTN) (*alias* UTN). Indirizz: Street 13, Wazir Akbar Khan, Kabul l-Afganistan, il-Pakistan. Tagħrif ieħor: (a) Id-diretturi jinkludu Mahmood Sultan Bashir-Ud-Din, Majeed Abdul Chaudhry u Mohammed Tufail; (c) Ipprojbità milli topra fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 24.12. 2001.

▼**M169**

Wafa Humanitarian Organisation (*alias* (a) Al Wafa, (b) Al Wafa Organisation, (c) Wafa Al-Igatha Al-Islamia). Indirizz: (a) Jordan house No 125, Street 54, Phase II. Hayatabad, Peshawar, il-Pakistan (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (b) l-Arabja Sawdita (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (b) il-Kuwajt (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (d) l-Emirati Għarab Magħquda (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (b) l-Afganistan (fiż-żmien meta ġiet elenkata); Tagħrif ieħor: Kwartieri ġenerali f'Kandahar, l-Afganistan sal-2001. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.10.2001.

▼**M123**

_____

_____

▼**M302**

_____

▼**M169**

Al-Haramain Foundation (Indonesia) (*alias* Yayasan Al-Manahil-Indonesia). Indirizz: Jalan Laut Sulawesi Block DII/4, Kavling Angkatan Laut Duren Sawit, Jakarta Timur 13440, Indonesia (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Tagħrif ieħor: (a) Telefown 021-86611265 u 021-86611266; (b) Faks: 021-8620174. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 26.1.2004.

Al-Haramain Foundation (il-Pakistan). Indirizz: House No 279, Nazimuddin Road, F-10/1, Islamabad, Pakistan (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 26.1.2004.

Al-Haramayn Foundation (il-Kenja). Indirizz: (a) Nairobi, il-Kenja (fiż-żmien meta ġiet elenkata);, il-Kenja (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (c) Dadaab, il-Kenja (fiż-żmien meta ġiet elenkata); Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 26.1.2004.

Al-Haramayn Foundation (it-Tanżanija). Indirizz: (a) PO box 3616, Dar es Salaam, Tanzania (fiż-żmien meta ġiet elenkata), (b) Tanga (fiż-żmien meta ġiet elenkata); (c) Singida (fiż-żmien meta ġiet elenkata); Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 26.1.2004.

▼**M117**

Al Furqan (*alias* (a) Dzemilijati Furkan, (b) Dzem'ijjetul Furqan, (c) Association for Citizens Rights and Resistance to Lies, (d) Dzemijetul Furkan, (e) Association of Citizens for the Support of Truth and Suppression of Lies, (f) Sirat, (g) Association for Education, Culture and Building Society — Sirat, (h) Association for Education, Cultural and to Create Society — Sirat, (i) Istikamet, (j) In Siratel, (k) Citizens' Association for Support and Prevention of lies – Furqan). Indirizz: (a) 30a Put Mladih Muslimana (isem preċedenti Palva Lukaca Street), 71 000 Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (b) 72 ul. Strossmajerova, Zenica, il-Bosnia u Ħerzegovina; (c) 42 Muhameda Hadzijahica, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (d) 70 and 53 Strosmajerova Street, Zenica, il-Bosnia u Ħerzegovina; (e) Zlatnih Ljiljana Street, Zavidovici, il-Bosnia u Ħerzegovina). Tagħrif ieħor: (a) Reġistrat fil-Bosnia u Ħerzegovina bħala assoċjazzjoni taċ-ċittadin taħt l-isem "Citizens' Association for Support and Prevention of lies – Furqan" fis-26.9.1997; (b) Al Furqan waqaf minn xogħolu permezz ta' deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-Federazzjoni tal-Bosnia u Ħerzegovina (deċiżjoni numru 03-054-286/97 datata 8.11.2002); (c) Al Furqan ma baqax jeżisti f'Diċembru 2008. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 11.5.2004.

Taibah International — Bosnia Offices (*alias* (a) Taibah International Aid Agency, (b) Taibah International Aid Association, (c) Al Taibah, Intl, (d) Taibah International Aide Association). Indirizz: (a) 6 Avde Smajlovic Street, Novo Sarajevo, Bosnia-Herzegovina; (b) 26, Tabhanska Street, Visoko, il-Bosnia-Ħerzegovina; (c) 3, Velika Cilna Ulica, Visoko, il-Bosnia- Ħerzegovina. Tagħrif ieħor: (a) Bejn l-2002-2004, Taibah International – Bosnia offices użaw il-bini tal-Culture Home f'Hadzici, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (b) L-organizzazzjoni ġiet reġistrata uffiċjalment fil-Bosnia u Ħerzegovina bħala fergħa ta' Taibah International Aid Association bin-numru ta' reġistrazzjoni 7; (c) Taibah International – Bosnia offices waqaf minn xogħolu permezz ta' deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-Federazzjoni tal-Bosnia u Ħerzegovina (deċiżjoni dwar waqfien tal-operazzjoni numru 03-05-2-70/03). Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 11.5.2004.

Al-Haramain & Al Masjed Al-Aqsa Charity Foundation (*alias* (a) Al Haramain Al Masjed Al Aqsa, (b) Al-Haramayn Al Masjid Al Aqsa, (c) Al-Haramayn u Al Masjid Al Aqsa Charitable Foundation, (d) Al Harammein Al Masjed Al-Aqsa Charity Foundation). Indirizz: (a) 2A Hasiba Brankovica, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina (indirizz tal-fergħa); (b) 14 Bihacka Street, Sarajevo, il-Bosnia u Ħerzegovina; (c) 64 Potur mahala Street, Travnik, il-Bosnia u Ħerzegovina; (d) Zenica, il-Bosnia u Ħerzegovina. Tagħrif ieħor: (a) Kienu reġistrati uffiċċjalment fil-Bosnia u Ħerzegovina taħt in-numru ta' reġistrazzjoni 24; (b) Al-Haramain & Al Masjed Al-Aqsa Charity Foundation waqqft xogħolha permezz tad-deċiżjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja tal-Federazzjoni tal-Bosnia u Ħerzegovina (deċiżjoni dwar waqfien tal-operazzjoni numru 03-05-2-203/04); (c) Ma kinitx teżisti aktar f'Diċembru 2008; (d) Il-bini u l-attivitajiet umanitarji tagħha ġew trasferiti taħt superviżjoni mill-Gvern għal entità ġdida msejħa Sretna Buducnost. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): 28.6.2004.

▼**M169**

Al-Haramain (il-fergħa tal-Afganistan). Indirizz: l-Afganistan (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2004.

Al-Haramain (il-fergħa tal-Afganistan). Indirizz: Irfan Tomini Street 58, Tirana, Albania (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2004.

Al-Haramain (il-fergħa tal-Bangladexx). Indirizz: House 1, Road 1, S-6, Uttara, Dhaka, il-Bangladesh (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2004.

Al-Haramain (il-fergħa tal-Etjopja). Indirizz: Woreda District 24 Kebele Section 13, Addis Ababa, Ethiopia (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2004.

▼**M170**

Al-Haramain (Il-fergħa tal-Pajjiżi l-Baxxi) (*psewdonimu* Stichting Al Haramain Humanitarian Aid). Indirizz: Jan Hanzenstraat 114, 1053 SV Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi (meta ġie elenkat). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.7.2006.

▼**M169**

Al-Haramain Foundation (Union of the Comoros). Indirizz: B/P: 1652 Moroni, Union of the Comoros (fiż-żmien meta ġiet elenkata). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 28.9.2004.

▼**M224**

———————

▼**M217**

Al-Qaida in Iraq (*psewdonimu* (a) AQI, (b) al-Tawhid, (c) the Monotheism and Jihad Group, (d) Qaida of the Jihad in the Land of the Two Rivers, (e) Al-Qaida of Jihad in the Land of the Two Rivers, (f) The Organization of Jihad's Base in the Country of the Two Rivers, (g) The Organization Base of Jihad/Country of the Two Rivers, (h) The Organization Base of Jihad/Mesopotamia, (i) Tanzim Qa'idat Al-Jihad fi Bilad al-Rafidayn, (j) Tanzeem Qa'idat al Jihad/Bilad al Raafidaini, (k) Jama'at Al-Tawhid Wa'al-Jihad, (l) JTJ, (m) Islamic State of Iraq, (n) ISI, (o) al-Zarqawi network, (p) Islamic State in Iraq and the Levant). Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 18.10.2004.

▼**M168**

Lashkar e-Tayyiba (*alias* (a) Lashkar-e-Toiba, (b) Lashkar-i-Taiba, (c) al Mansoorian, (d) al Mansooreen, (e) Army of the Pure, (f) Army of the Righteous, (g) Army of the Pure and Righteous, (h) Paasban-e-Kashmir (i) Paasban-i-Ahle-Hadith, (j) Pasban-e-Kashmir, (k) Pasban-e-Ahle-Hadith, (l) Paasban-e-Ahle-Hadis, (m) Pashan-e-ahle Hadis, (n) Lashkar e Tayyaba, (o) LET, (p) Jamaat-ud-Dawa, (q) JUD (r) Jama'at al-Dawa, (s) Jamaat ud-Daawa, (t) Jamaat ul-Dawah, (u) Jamaat-ul-Dawa, (v) Jama'at-i-Dawat, (w) Jamaiat-ud-Dawa, (x) Jama'at-ud-Da'awah, (y) Jama'at-ud- Da'awa, (z) Jamaati-ud-Dawa, (aa) Falah-i-Insaniat Foundation (FIF). Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 2.5.2005.

▼**M164**

Il-Grupp Ġiħad Islamiku (*alias* (a) Jama'at al-Jihad, (b) Libyan Society, (c) Kazakh Jama'at, (d) Jamaat Mojahedin, (e) Jamiyat, (f) Jamiat al-Jihad al-Islami, (g) Dzhamaat Modzhakhedov, (h) Islamic Jihad Group of Uzbekistan, (i) al-Djihad al-Islami, (j) Zamaat Modzhakhedov Tsentralnoy Asii, (k) Islamic Jihad Union). Tagħrif ieħor: (a) Mwaqqaf u mmexxi minn Najmiddin Kamolitdinovich Jalolov u Suhayl Fatilloevich Buranov; (b) Assoċjat mal-Moviment Islamiku tal-Uzbekistan u Emarat Kavkaz; (c) Attiv fl-inħawi tal-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan, l-Asja Ċentrali, ir-reġjun tal-Asja t'Isfel u wħud mill-Istati Membri. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 1.6.2005.

▼**M174**

_____

▼**M164**

Al-Akhtar Trust International (*alias* (a) Al Akhtar Trust, (b) Al-Akhtar Medical Centre, (c) Akhtarabad Medical Camp, (d) Pakistan Relief Foundation, (e) Pakistani Relief Foundation, (f) Azmat-e-Pakistan Trust, (g) Azmat Pakistan Trust). Indirizz: (a) ST-1/A, Gulsahn-e-Iqbal, Block 2, Karachi, 25300, il-Pakistan; (b) Gulistan-e-Jauhar, Block 12, Karachi, il-Pakistan Tagħrif ieħor: (a) Uffiċjali reġjonali fil-Pakistan: Bahawalpur, Bawalnagar, Gilgit, Islamabad, Mirpur Khas, Tando-Jan-Muhammad; (b) Akhtarabad Medical Camp jinsab fi Spin Boldak, l-Afganistan; (c) Reġistrat mill-membru ta' Jaish-i-Mohammed; (a) Assoċjat ma' Harakat ul-Mujahidin/ HUM, Lashkar I Jhanghvi (LJ) u Lashkar-e-Tayyiba; (c) Ipprojbità milli topera fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 17.8.2005.

▼**M153**

_____

_____

▼**M207**

_____

▼**M153**

_____

▼**M212**

_____

_____

▼**M287**

Il-Moviment Rajah Solaiman (*alias* (a) Rajah Solaiman Islamic Movement, (b) Rajah Solaiman Revolutionary Movement). Indirizz: (a) Barangay Mal-Ong, Anda, il-Provinċja ta' Pangasinan, il-Filippini; (b) Sitio Dueg, Barangay Maasin, San Clemente, il-Provinċja ta' Tarlac, il-Filippini; (c) Nru 50, Purdue Street, Cubao, il-Belt ta' Quezon, il-Filippini. Informazzjoni oħra: Imwaqqaf u mmexxi minn Hilarion Del Rosario Santos III. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 4.6.2008.

▼**M116**

_____

▼**M250**

Al-Qaida in the Arabian Peninsula (magħrufa wkoll bħala (a) AQAP, (b) Al-Qaida of Jihad Organization in the Arabian Peninsula, (c) Tanzim Qa'idat al-Jihad fi Jazirat al-Arab, (d) Al-Qaida Organization in the Arabian Peninsula, (e) Al-Qaida in the South Arabian Peninsula, (f) Ansar al-Shari'a, (g) AAS, (h) Al-Qaida in Yemen, (i) AQY). Tagħrif ieħor: Post: Il-Jemen jew l-Arabja Sawdija (2004 — 2006). Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 19.1.2010

▼**M164**

Harakat-ul Jihad Islami (*alias* (a) HUJI, (b) Movement of Islamic Holy War, (c) Harkat-ul-Jihad-al Islami, (d) Harkat- al-Jihad-ul Islami, (e) Harkat-ul-Jehad-al-Islami, (f) Harakat ul Jihad-e-Islami, (g) Harakat-ul-Ansar, (h) HUA). Tagħrif ieħor: (a) Mwaqqaf fl-Afganistan in 1980; (b) Fl-1993 ngħaqad ma' Harakat ul-Mujahidin biex jifforma Harakat ul-Ansar; (c) Fl-1997 inqasam minn Harakat ul-Ansar u reġa' beda juża l-isem ta' qabel; (d) Jopera fl-Indja, fil-Pakistan u fl-Afganistan. (c) Ipprojbit milli jopera fil-Pakistan. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.8.2010.

▼**M156**

Emarat **Kavkaz**. Tagħrif ieħor: (a) Attiv l-aktar fil-Federazzjoni Russa, fl-Afganistan u fil-Pakistan. (b) Immexxi minn Doku Khamatovich Umarov. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011.

▼**M236**

Tehrik-e Taliban Pakistan (TTP) (magħrufa wkoll bħala (a) Tehrik-I-Taliban Pakistan, (b) Tehrik-e-Taliban, (c) Pakistani Taliban, (d) Tehreek-e-Taliban). Informazzjoni oħra: (a) Tehrik-e Taliban hija bbażata fiż-żoni tribali fil-fruntiera bejn l-Afganistan u l-Pakistan; (b) Iffurmata fl-2007, il-mexxej tagħha huwa Maulana Fazlullah. Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 29.7.2011.

▼**M291**

Jemmah Anshorut Tauhid (JAT) (*alias* (a) Jemaah Anshorut Tauhid, (b) Jemmah Ansharut Tauhid, (c) Jem'mah Ansharut Tauhid, (d) Jamaah Ansharut Tauhid, (e) Jama'ah Ansharut Tauhid, (f) Laskar 99). Indirizz: Jl. Semenromo number 58, 04/XV Ngruki, Cemani, Grogol, Sukoharjo, Jawa Tengah, l-Indonežja, Telefown: 0271–2167285, Posta elettronika: info@ansharuttauhid.com. Tagħrif ieħor: (a) Grupp affiljat mal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u l-Levante (ISIL), mniżżel bħala Al-Qaida fl-Iraq, li wettaq attakki fl-Indonežja. (b) Imwaqqaf u mmexxi minn Abu Bakar Ba'asyir; (c) Stabbilit fis-27 ta' Lulju 2008 f'Solo, l-Indonežja; (d) Assoċjat ma' Jemmah Islamiya (JI); (e) Sit web: http://ansharuttauhid.com/. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 12.3.2012.

▼**M185**

Mouvement pour l'Unification et le Jihad en Afrique de l'Ouest (MUJAO). Indirizz: (a) il-Mali, (b) l-Alġerija. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 5.12.2012.

▼**M191**

Ansar Eddine (*alias* Ansar Dine). Indirizz: Mali. Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 20.3.2013.

▼**M208**

Muhammad Jamal Network (magħruf ukoll bħala (a) MJN, (b) Muhammad Jamal Group, (c) Jamal Network, (d) Abu Ahmed Group, (e) Al-Qaida in Egypt, (f) AQE. Tagħrif ieħor: Jopera fl-Eġittu, il-Libja u l-Mali, Data tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4) (b): Il-21 ta' Ottubru 2013.

▼**M289**

Al-Nusrah Front for the People of the Levant (magħruf ukoll bħala (a) the Victory Front; (b) Hay'et Tahrir al-Sham; (c) Hayat Tahrir al-Sham; (d) Assembly for the Liberation of Syria; (e) Assembly for the Liberation of the Levant; (f) Liberation of al-Sham Commission; (g) Liberation of the Levant Organisation Tahrir al-Sham; (h) Tahrir al-Sham Hay'at; (i) the Victory Front; (j) Jabhat al-Nusrah; (k) Jabhet al-Nusra; (l) Al-Nusrah Front; (m) Al-Nusra Front; (n) Ansar al-Mujahideen Network; (o) Levantine Mujahideen on the Battlefields of Jihad; (p) Jabhat Fath al Sham; (q) Jabhat Fath al-Sham; (r) Jabhat Fatah al-Sham; (s) Jabhat Fateh Al-Sham; (t) Fatah al-Sham Front; (u) Fateh al-Sham Front; (v) Conquest of the Levant Front; (w) The Front for the Liberation of al Sham; (x) Front for the Conquest of Syria/the Levant; (y) Front for the Liberation of the Levant; (z) Front for the Conquest of Syria. Informazzjoni oħra: (a) Jopera fir-Repubblika Għarbija Sirjana; (b) l-Iraq; (c) Preċedentement elenkat bejn it-30 ta' Mejju 2013 u t-13 ta' Mejju 2014, magħruf ukoll bħala tal-Al-Qaida in Iraq. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 14.5.2014.

▼**M216**

Jama'atu Ahlis Sunna Lidda'Awati Wal-Jihad (alias (a) Jama'atu Ahlus-Sunnah Lidda'Awati Wal Jihad (b) Jama'atu Ahlus-Sunna Lidda'Awati Wal Jihad (c) Boko Haram (d) Western Education is a Sin). Indirizz: In-Niġerja Informazzjoni

▼**M216**

oħra: (a) Affiljat tal-Al-Qaida u l-Organizzazzjoni tal-Al-Qaida fil-Maghreb Iżlamiku (AQIM), (b) Assoċjat ma' Jama'atu Ansarul Muslimina Fi Biladis-Sudan (Ansaru), (c) Il-kap huwa Abubakar Shekau. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 22.5.2014.

▼**M217**

Al Mouakaoune Biddam (*psewdonimu* (a) Les Signataires par le Sang; (b) Ceux Qui Signent avec le Sang; (c) Those Who Sign in Blood. Indirizz: Mali. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 2.6.2014.

Al Moulathamoun (*psewdonimu* (a) Les Enturbannés; (b) The Veiled. Indirizz: (a) l-Alġerija; (b) Mali; (c) in-Niġer. Informazzjoni oħra: Attivi fis-Saħel/Saħara. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 2.6.2014.

Al Mourabitoun (*psewdonimu* (a) Les Sentinelles; (b) The Sentinels). Indirizz: Mali. Informazzjoni oħra: Attivi fir-reġjun tas-Saħel/Saħara. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 2.6.2014.

▼**M218**

Ansarul Muslimina Fi Biladis Sudan (*alias:* (a) Ansaru; (b) Ansarul Muslimina fi Biladis Sudan; (c) Jama'atu Ansaril Muslimina fi Biladis Sudan (JAMBS); (d) Jama'atu Ansarul Muslimina fi Biladis-Sudan (JAMBS); (e) Jamma'atu Ansarul Muslimina fi Biladis-Sudan (JAMBS); (f) Vanguards for the Protection of Muslims in Black Africa; (g) Vanguard for the Protection of Muslims in Black Africa). Indirizz: In-Niġerja Informazzjoni oħra: (a) Grupp imwaqqaf fl-2012; (b) Jopera fin-Niġerja. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 26.6.2014.

▼**M223**

Ansar Al-shari'a fit-Tunežija (AAS-T) (*alias* (a) AAS-T; (b) Ansar al-Sharia fit-Tunežija; (c) Ansar al-Shari'ah fit-Tunežija; (d) Ansar al-Shari'ah (e) Ansar al-Sharia; (f)Sostenituri tal-liġi Islamika; (g) Il-Fundazzjoni Medjattika Al-Qayrawan. Informazzjoni oħra: (a) Topera fit-Tunežija; (b) Il-kap huwa Seifallah ben Hassine. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.9.2014.

Abdallah Azzam Brigades (AAB) (*alias* (a) AAB; (b) Brigadi Abdullah Azzam; (c) Battaljuni Ziyad al-Jarrah tal-Brigadi Abdallah Azzam; (c) Battaljuni Yusuf al-'Uyayri tal-Brigadi Abdallah Azzam; Informazzjoni oħra: Jopera fil-Libanu, is-Sirja u l-Peniżola Għarbija. Id-data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 23.9.2014.

▼**M225**

Ansar Al Charia Derna (*magħruf bħala* (a) Ansar al-Charia Derna; (b) Ansar al-Sharia Derna; (c) Ansar al Charia; (d) Ansar al-Sharia; (e) Ansar al Sharia). Informazzjoni oħra: (a) Jopera f'Derma u Jebel Akhdar il-Libja; (b) Netwerk ta' sostenn fit-Tunežija Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.11.2014.

Ansar Al Charia Benghazi (*magħruf bħala* (a) Ansar al Charia; (b) Ansar al-Charia; (c) Ansar al-Sharia; (d) Ansar al-Charia Benghazi); (e) Ansar al-Sharia Benghazi; (f) Ansar al Charia in Libya (ASL); (g) Katibat Ansar al Charia; (h) Ansar al Sharia). Informazzjoni oħra: (a) Jopera f'Bengażi, il-Libja; (b) Netwerk ta' sostenn fit-Tunežija Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 19.11.2014.

▼**M229**

Hilal Ahmar Society Indonesia (HASI) (*alias:* (a) Yayasan Hilal Ahmar, (b) Indonesia Hilal Ahmar Society for Syria). Tagħrif ieħor: (a) Fergħa umanitarja ostensibbli ta' Jemaah Islamiyah; (b) Topera f'Lampung, Jakarta, Semarang, Yogyakarta, Solo, Surabaya u Makassar, l-Indonežja; (c) Mhux affiljata mal-grupp umanitarju tal-Federazzjoni Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar u tan-Nofs Qamar l-Aħmar (IFRC). Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 13.3.2015.

▼**M236**

The Army Of Emigrants And Supporters (magħrufa wkoll bħala: (a) Battalion of Emigrants and Supporters (b) l-organizzazzjoni Army of Emigrants and Supporters (c) Battalion of Emigrants and Ansar d) Jaysh al-Muhajirin wal-Ansar (JAMWA); Indirizz: iż-żona ta' Jabal Turkuman, Lattakia Governorate, ir-Repubblika Għarbija Sirjana; Informazzjoni oħra: Stabbilita minn ġellieda terroristiċi barranin fl-2013. Post: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana. Affiljata mal-Istat Iżlamiku fl-Iraq u fil-Levant, elenkat bħala Al-Qaida in Iraq u Al-Nusrah Front for the People of the Levant; Data tad-dežinjazzjoni msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 6.8.2015.

▼**M268**

Mujahidin Indonesian Timur (MIT) (alias (a) Mujahidin of Eastern Indonesia, (b) East Indonesia Mujahideen, (c) Mujahidin Indonesia Timor, (d) Mujahidin Indonesia Barat (MIB), (e) Mujahidin of Western Indonesia) Indirizz: l-Indonesja; Tagħrif ieħor: Topera f'Java u f'Sulawesi, l-Indonesja u attiva wkoll fil-provinċji tal-Lvant tal-Indonesja. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.9.2015.

▼**M240**

Jund Al-Khilafah In Algeria (JAK-A) (*alias* (a) Jund al Khalifa, (b) Jund al-Khilafah fi Ard al-Jaza'ir, (c) Jund al-Khalifa fi Ard al- Jazayer, (d) Soldiers of the Caliphate in Algeria, (e) Soldiers of the Caliphate of Algeria, (f) Soldiers of the Caliphate in the Land of Algeria); Indirizz: Ir-reġjun Kabylie, l-Alġerija; Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 7d(2)(i): 29.9.2015.

▼**M245**

